**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Decizjoni Nru** 1805

**Kaz Nru 1783 HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Carmen Borg**

**u**

**Ramla Garden Hotel**

**Dwar tkeccija mill-Impieg allegata li hi ngusta.**

6 ta' Settembru, 2007

**Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK)**

**Dan il-kaz gie prezentat fir-Registru tal-Qrati Superjuri fil-11 ta' Awissu 2003, mill-Avukat Anglu Farrugia f'isem Carmen Borg kontra s-Socjeta Ramla Garden Hotel.**

**Ms Carmen Borg li minn issa tidher bhala l-Appellant, matul is-smigh tal-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali kienet assistita mill-Avukat Anglu Farrugia. Ghas-Socjeta Ramla Garden Hotel deher is-Sur Edmond Bartolo assistit mill-Avv. Paul Gauci Maistre'.**

**Fl-istqarrija tal-Kaz l-Appellant tghid, li hija kienet tahdem ghal diversi snin minghajr interruzzjoni fil-Luknada Ramla Garden Hotel u fil-gurnata tas-27 ta' Frar tal-2003, waqt li kienet xoghol fil-lukanda hija wegghat u wara hareg ic-certifikat mediku mit-tabib tal-familja Dr Saviour Borg li nzerta wkoll l-istess tabib**

tal-kumpanija li tmexxi l-lukanda fejn tahdem. L-ghada 28 ta' Frar 2003, gie nfurmat l-employer stess b'dan l-incident.

L-appellant tkompli tghid, li hija ppruvat tkompli tahdem minkejja l-Injury li sofriet, imma ghalkemm ghamlet dan l-isforz qawwi, hija sofriet deterjorazzjoni fis-sahha taghha u li sa llum il-gurnata qedha f'pozzizzjoni hazina nonostante li diga sarulha interventi medici inkluz operazzjoni magguri fl-ispatr San Luqa u ghadha ma hiex f'posizzjoni li tahdem. Hija tkompli tghid, li meta nfurmat l-employer taghha huwa ghazel li ma jiffirmax ic-certifikat ta' l'injury.

Fl-istqarrija tal-kaz taghha hija tkompli tghid, li kawza ta' dan l-employer minghajr ebda raguni gusta ttermina l-impjieg taghha fil-21 ta' April 2003.

Ghas-Socjeta intimata da parti taghha qalet, li ma jirrizultax li l-appellant wegghet fuq ix-xoghol fis-27 ta' Frar 2003 u kien ghalhekk li ma giex iffirmat iccertifikat ta' NI 30.

Is-Socjeta tkompli tghid, li l-ewwel certifikat mediku li rceva kien dak blue li jgib in-numru C744709 li juri li Carmen Borg kienet ezaminata mit-Tabib Saviour Borg fl-1 ta' Marzu 2003, u kien fuq dan ic-certifikat li kien hemm imnizzel li Carmen Borg hadmet l-ahhar fit-28 ta' Frar 2003. Is-Socjeta tkompli tghid, li wara li ghaddew diversi gimghat li l-employer irceva c-certifikat tal-korriment u ntalab minn Carmen Borg jiddikjara li hija wegghet fuq ix-xoghol fis-27 ta' Frar 2003.

Is-Socjeta tghid, ukoll li mir-records tal-kumpanija jirrizulta illi Carmen Borg hadmet regolarment fis-27 u 28 ta' Frar 2003, u kif diga gie spjegat peress illi lill-employer ma jirrizultalux li Carmen Borg wegghet fuq ix-xoghol, ic-certifikat ta' NI 30 ma giex iffirmat ghaliex l-istess Carmen Borg talbet lill-employer jiddikjara illi hija wegghet fuq ix-xoghol fis-27 ta' Frar 2003. Is-socjeta tghid ukoll, li ghalhekk Carmen Borg bdiet tinghata s-sick leave skond il-ligi, meta dan gie ezawriet kollu

tpoggiet fuq il-half-pay u kien meta spiccalha l-half-pay li l-impjieg taghha gie terminat fil-21 ta' April 2003.

PROVI

Mill-provi jirrizulta, li l-appellanta kienet ilha tahdem mal-lukanda Ramla Golden Hotel mill-1977 bhala chambermaid u matul l-impjieg taghha hija dejjem qdiet id-doveri taghha u qatt ma kellha twissijiet la bil-fomm u lanqas bil-miktub.

Mill-provi jrrizulta wkoll, li l-appellant waqt li kienet qed tghaqdi id-doveri taghha wegghat dahra fuq ix-xoghol fis-27 ta' Frar, izda xorta wahda irrapurtat ghax-xoghol l-ghada 28 ta' Frar, pero b'konsegwenza ta' l-ugieh li kellha hija ma komplitx tahdem u telqet lura d-dar.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li t-tabib tal-Kumpanija Saviour Borg xehed li l-injury li sofriet kien wiehed serju li anke wassal biex l-appellanta ghamlet operazzjoni serja.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta l-appellant giet ezaminata mit-Tabib tal-kumpanija minkejja li ccertifika l-korriment taghha, pero dan il-korriment ma giex iccertifikat fuq NI 30 u minflokk ghamel ic-certifikat fuq wiehed li normalment jigi certifikat sick leave. Mill-provi jirrizulta wkoll, li aktar tard sar korrezzjoni tieghu mill-istess tabib u eventwalment hareg ic-certifikat ta' l-Injury fejn it-tabib spjega fix-xhieda tieghu li ghamel dan peress li originarjament ma setghax jimla ic-certifikat ta' l-Injury qabel ma kellu dettalji neccessarji.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-management meta kellu l-fatti quddiemu irrikonoxxa li l-appellant wegghet fuq il-post tax-xoghol u ressaq il-kaz ghall-konsiderazzjonijiet ta' l-insurnace, pero il-kaz ma giex accettat mill-insurance peress li dawn argumentaw li c-certifikat ta' l-Injury gie pprezentat wara li gie pprezentat ic-

certifikat ta' sick u ghaldaqstant cahdu ic-certifikat ta' l-Injury bhala wiehed li ma kienx validu ghall-finijiet ta' kumpenss.

Konsegwentament, mill-provi jirrizulta wkoll li meta l-management gie ffaccjat b'din is-sitwazzjoni huwa ghazel li jittermina l-impieg ta' l-appellant meta skada is-sick leave taghha.

KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jinghad, li skond ic-certifikat tat-tobba l-appellanta sofriet korriment gravi.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-management irrkonoxxa li l-appellanta sofriet korriment u li dan il-korriment kien sehh fuq il-post tax-xoghol. Dan jirrizulta, meta l-istess management xehed quddiem it-Tribunal Industrijali, li ma kienx ta' l-intitolment ta' l-Injury lill-appellanta ghax kienet l-insurance li ma kienitx irrikonnoxxiet l-injury peress, li ic-certifikat ta' l-injury kien gie pprezentat wara li gie pprezentat certifikat iehor li ma kienx fuq il-formola li normalment jigi pprezentat ic-certifikat ta' l-Injury. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li dan sar mhux bi traskuragni ta' l-appellanta, izda ghax kien hemm cirkostanzi liema cirkostanzi gew spjegati mit-tabib tal-Kumpanija quddiem it-Tribunal Industrijali.

Ghaldaqstant, skond il-provi migjuba quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li l-appellanta kienet wegghet fuq il-post tax-xoghol, invista ta' dan it-Tribunal Industrijali hu tal-fehema li l-intitolment ta' l-appellanta kellu jkun ta' Injury leave u mhux ta' sick leave.

**DECIZJONI**

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatements of Case tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u sema u evalwa ix-xhieda prodotti, ikkunsidra is-sottomissjonijiet finali u l-osservazzjonijet addizzjonali isib u jiddeciedi dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet citati hawn fuq, li t-terminazzjni ta' l-impjieg ta' l-appellanta sar waqt perjodu li hija kellha tkun bl'injury leave u mhux bis-sick leave. Konsegwentament it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li it-terminazzjoni ta' l-impjieg saret waqt perjodu li l-appellanta kellha tkun b'injury leave u ghaldaqstant din it-terminazzjoni ta' impjieg saret bi ksur tal-ligi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li fil-waqt li l-appellanta ma tinghatax l-impjieg lura, l-istess Tribunal Industrijali jordna li Ramla Garden Hotel ghandha thallas is-somma ta' LM1,300 (elf u tlett mitt-lira Maltin) - 3028 Euro (tlett telef u tmienja u ghoxrien Euro) lill Carmen Borg bhala kumpenss fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal finijiet ta' drittijiet li jithallsu, it-Tribunal Industrijali qieghed jiffissa dawn fl-ammont ta' LM40 ( erbghin Lira Maltija) – E 93 (tlieta u disghin Euro) lill kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Harold Walls
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-segretarju.